QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

SEDUTA TAT-22 TA’ GUNJU, 2001.

Citazzjoni numru 741/01GC

Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd.

Vs.

Hallett Construction Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici nomine wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta konvenuta;

Illi fuq dan il-bejgh fadal bilanc pendenti dovut lis-socjeta attrici ta’ sebat elef sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm7648.82) li is-socjeta konvenuta ghadha ma hallsitx;

Illi ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici, huwa cert likwidu u dovut

ai termini tal-artikolu l67 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex din l-Onroabbli Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm7648.82);

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art. L67 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali, datata 30 ta' Marzu, 2001, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dina ic-citazzjoni kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici nomine u id-dokumenti l-ohra;

Peress li is-socjeta konveuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqhet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas mad deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici nomine kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur